TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**William Axisa u Valentina Axisa**

**Vs**

**Pinkish Line Wedding Services Limited (C64739) u Conrad Axisa**

CCT 25/25/CC

Illum 19 ta' Settembru, 2025

It-Tribunal;

Ra t-Talba ta' l-atturiipprezentata fl-10 ta' Jannar 2025, fejn talbu rifuzjoni ta' l-ammont ta' elf, hames mija, tmienja u tletin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€1,538.88c) rapprezentanti ammont imhallas minnhom ghal servizz ta' fotografija waqt tieg, liema servizz kellu jinghata minghand l- intimati.

Ra li l-intimati debitament notifikati bil-procedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni, bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh permezz ta' din il-procedura, ma ipprezentaw l-ebda risposta.

Ra l-affidavit ta' l-attrici Valentina Axisa ipprezentat permezz ta' nota datata 28 ta' Lulju 2025.

Ra d-dokumentazzjoni estensiva ipprezentata mill-atturi fl-atti ta' din il-kawza.

Ra l-verbal tas-seduta tal-24 ta' Gunju 2025 fejn dan it-Tribunal halla l-kawza ghas-sentenza in segwitu li l-atturi jipprezentaw il-provi dokumentarji taghhom.

Ra li entambi l-intimati ma ressqu l-ebda provi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

Ikkunsidra ;

Illi t-Tribunal ha konjizzjoni tad-dokumentiipprezentati mill-atturi fl-atti ta' din il-kawza, liema dokumenti jikkonfermaw li huma ivversaw pagament fl-ammont ta' elf, hames mija, tmienja u tletin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€1,538.88c) rapprezentanti ammont imhallas minnhom ghal servizz ta' fotografija ta' tieg.

Illi gara li tali servizz ta' fotografija ta' tieg ghalkemm debitament imhallas mill-atturi, dan ma inghatax mill-intimati, u dan kif jirrizulta mill-iskambju ta' messaggi bejn il-partijiet. Illi l-atturi ipprezentaw dokumentazzjoni estensiva ta' dawn il-messaggi li juru li kien hemm diversi diffikultajiet ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet, li finalment wasslu lil atturi sabiex jirrikorru ghal dawn il-proceduri.

Illi t-Tribunal wara li ha konjizzjoni ta' l-affidavit ta' l-attrici, wara li ra u evalwa d-dokumentazzjoni ipprezentata mill-atturi fl-atti ta' din il-kawza, hija l-fehma kunsiderata ta' dan it-Tribunal li l-versjoni avvanzata mill-atturi hija korretta u timmerita konferma.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba avvanzata mill-atturi fl-ammont ta' elf, hames mija, tmienja u tletin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€1,538.88c), u jikkundanna lil intimati *in solidum* sabiex ihallsu din is-somma.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-intimati *in solidum.*

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru